2024/1944

11.7.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1944

tal-5 ta' Lulju 2024

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 fir-rigward tal-pubblikazzjoni tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni għall-bord tal-iżolament termali magħmul minn silika mikroporuża u għal elementi tal-fowm tal-poliuretan riġidu għall-qfil tal-partijiet tat-twaħħil mal-ħitan esterni u ma' prodotti oħra għall-bini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, wara talbiet mingħand il-manifatturi għal Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika adottat 19-il Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.

(2) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni li ġew adottati mill-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika huma relatati mar-referenzi li ġejjin għall-prodotti għall-bini:

— bord ta' iżolament termali magħmul minn silika mikroporuża (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 040057-00-1201");

— elementi tal-fowm tal-poliuretan riġidu għall-qfil tal-partijiet tat-twaħħil mal-ħitan esterni;

— kittijiet għat-tlibbis ta' ħitan esterni ta' bords ta' granulati tal-ħġieġ espandut, bords tal-ossidu tal-manjeżju jew bords ta' minerali oħra bir-rendering applikat fuq il-post (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi "EAD 090019-00-0404" u "EAD 090119-00-0404");

— kittijiet ta' ċangaturi kompożiti tal-injam u l-konkrit;

— sulfoaluminat tal-kalċju belitiku u siment b'bażi ta' sulfoaluminat tal-kalċju (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 150001-00-0301");

— konnessjoni rebend;

— ostakli tal-ftuħ u tal-perimetru għall-protezzjoni mill-għargħar ta' bini jew struttura oħra;

— kisi tal-art kompożitu għall-użu f'żoni esterni u interni;

— siment bi fluss ekoloġiku u mingħajr trufijiet, magħmul minn materja prima rinnovabbli u sostenibbli;—

— pavimentar reżiljenti magħmul minn dien-(monomeru) etilen propilen u minn granuli tal-lastiku;

— kittijiet għall-kostruzzjoni ta' micropile — kittijiet bi studs;

— fibreboards għal użi mhux strutturali fuq ġewwa magħmulin minn fibri ċellulożiċi riċiklati minn residwi ċellulożiċi industrijali;

— żbarri tal-polimeri rinfurzati bil-karbonju, bil-ħġieġ, bil-bażalt u bil-fibri tal-aramid bħala rinfurzar tal-elementi strutturali;

— ħġieġ ittemprat ittundjat bis-sħana u ħġieġ tas-sikurezza laminat magħmul minn ħġieġ ittemprat ittundjat bis-sħana;

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/305/oj.

— ankri tal-plastik invitati għat-twaħħil ta' sistemi kompożiti tal-iżolament termali esterna b'renderings jew bi prodotti tal-iżolament fuq in-naħa t'isfel tas-soqfa;

— ankri bil-kamin għall-konkrit imneffaħ awtoklavat u għall-konkrit aggregat ħafif;

— element ta' rbit legat u elementi ta' rbit b'espansjoni għall-użu fil-konkrit (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 330499-01-0601");

— konnessjonijiet ta' żbarri li jirrinfurzaw (rebar) installati wara b'imġiba mtejba tal-qsim;

— sistema ta' kostruzzjoni ta' ġebel niexef b'elementi vertikali.

(3) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni li adottat l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika jissodisfaw l-eżiġenzi fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet tal-bini stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. Għalhekk jixraq li r-referenzi ta' dawk id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(4) Il-lista tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni għall-prodotti għall-bini ġiet ippubblikata skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 ([2]). Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni l-ġodda jenħtieġ li jiżdiedu ma' dik il-lista.

(5) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(6) Għall-fini li tippermetti l-użu tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni kmieni kemm jista' jkun, sabiex il-manifatturi li diġà jkollhom Valutazzjoni Teknika Ewropea jkunu jistgħu jqiegħdu l-prodott tagħhom fis-suq, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Kerstin JORNA
Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar il-pubblikazzjoni tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs) għall-prodotti tal-bini abbozzati b'appoġġ tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, 20.3.2019, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2019/450/oj).

ANNESS

Fl-Anness mad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2019/450, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali skont l-ordni tan-numri ta' referenza:

"040057-01-1201	Bord ta' iżolament termali magħmul minn silika mikroporuża (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 040057-00-1201')"
"040868-00-0404	Elementi tal-fowm tal-poliuretan riġidu għall-qfil tal-partijiet mal-ħitan esterni"
"090019-01-0404	Kittijiet għat-tlibbis ta' ħitan esterni ta' bords ta' granulati tal-ħġieġ espandut, bords tal-ossidu tal-manjeżju jew bords ta' minerali oħra bir-rendering applikat fuq il-post (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi 'EAD 090019-00-0404' u 'EAD 090119-00-0404')"
"130018-00-0303	Kittijiet ta' ċangaturi kompożiti tal-injam u tal-konkrit"
"150001-01-0301	Sulfoaluminat tal-kalċju belitiku u siment b'bażi ta' sulfoaluminat tal-kalċju (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 150001-00-0301')"
"160031-00-0301	Konnessjoni rebend"
"180002-00-0706	Ostakli tal-ftuħ u tal-perimetru għall-protezzjoni mill-għargħar ta' bini jew struttura oħra"
"190014-00-0503	Kisi tal-art kompożitu għall-użu f'żoni esterni u interni"
"190022-00-0503	Siment bi fluss ekoloġiku u bla trufijiet, magħmul minn materja prima rinnovabbli u sostenibbli"
"190026-00-0502	Pavimentar reżiljenti magħmul minn dien-(monomeru) etilen propilen u minn granuli tal-lastiku"
"200077-00-0103	Kittijiet għall-kostruzzjoni ta' micropile — Kittijiet bi studs"
"210132-00-0504	Fibreboards għal użi mhux strutturali fuq ġewwa magħmulin minn fibri ċellulożiċi riċiklati minn residwi ċellulożiċi industrijali"
"260023-00-0301	Żbarri tal-polimeri rinfurzati bil-karbonju, bil-ħġieġ, bil-bażalt u bil-fibri tal-aramid bħala rinfurzar tal-elementi strutturali"
"300008-00-0404	Ħġieġ ittemprat ittundjat bis-sħana u ħġieġ tas-sikurezza laminat magħmul minn ħġieġ ittemprat ittundjat bis-sħana"
"330196-01-0604-v01	Ankri invitati tal-plastik għat-twaħħil ta' sistemi kompożiti tal-iżolament termali esterna b'renderings jew bi prodotti tal-iżolament fuq in-naħa t'isfel tas-soqfa"
"330424-00-0604	Ankri bil-kamin għall-konkrit imneffaħ awtoklavat u għall-konkrit aggregat ħafif"
"330499-02-0601	Element ta' rbit legat u elementi ta' rbit b'espansjoni għall-użu fil-konkos (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 330499-01-0601')"
"332402-00-0601	Konnessjonijiet ta' żbarri li jirrinfurzaw (rebar) installati wara b'imġiba mtejba tal-qsim"
"340297-00-0203	Sistema ta' kostruzzjoni ta' ġebel niexef b'elementi vertikali".